MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## DEPASQUALE FRANCO K.C., B.A., LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 211/1993/2

**Antonia Micallef**

**Vs**

**Carmelo Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici zzewget lill-konvenut fil-knisja tal-Parrocca ta’ Hal Luqa fil-21 ta’ Ottubru 1962 (Dok. A);

Premess u oltre l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien ivizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi in oltre l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess illi inolte l-kunsens tal-kontendenti kien simulat;

Premess illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fil-21 ta' Ottubru 1962 huwa null u bla ebda effett fil-ligi;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Ottubru 1962 huwa null u bla effett legali u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament l-Att XXXVII ta' l-1975 kif emendat ma jolqotx il-validita taz-zwieg li kien validu meta sar;

2. U illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-meritu t-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt kif kellu jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghamel ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju 1994 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Miriam Hayman bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-

domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet taghha ta' l-4 ta' Marzu 1998 li permezz tieghu rrevokat l-imsemmi nkarigu peress illi Dr. Miriam Hayman giet elevata ghall-Magistratura u ssostitwitha bl-avukat Dr. Irene Bonello bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert legali li tinsab a fol. 180 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza tal-15 ta' Mejju 2002;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attrici pprezentat din ic-citazzjoni fejn talbet lill-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg li hija kkontrattat mal-konvenut fil-21 ta' Ottubru 1962; dan fuq il-premessi li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju tad-diskrezzjoni ta' gudizzju u inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu; ibbazat ukoll it-talba taghha fuq l-allegazzjoni li l-kunsens tal-kontendenti kien simulat;

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa li l-Att imsemmi mill-attrici ma kienx jolqot il-validita` taz-zwieg bejn il-kontendenti u li bla pregudizzju t-talbiet ta' l-istess attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda;

Illi jrid jigi mill-ewwel rilevat illi dan iz-zwieg sehh fl-1962 waqt illi l-Att taz-Zwieg (Kapitolu 255) gie imdahhal fl-1975; illi mill-ezami tad-disposizzjonijiet tal-ligi rilevanti u dawn kif imsahha bl-iskorta ta' gurisprudenza imsemmija fir-relazzjoni, huwa pacifiku li in kwantu ikkonsidrat iz-zwigijiet li kienu gew celebrati qabel id-dahla fis-sehh ta' l-imsemmija ligi, ghalkemm dawn gew ukoll inkluzi, pero`,

il-validita` o meno ta' dawk iz-zwigijiet kellha tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi li kienet vigenti meta kienu celebrati u cioe` il-Ligi Kanonika. Illi dan ifisser li ghal zwigijiet iccelebrati qabel l-1975 il-Qrati taghna ghandhom jezaminaw jekk dak iz-zwieg kienx validu skond il-ligi li kienet tapplika dak iz-zmien, u l-Att ta' l-1975 ikun applikabbli biss jekk l-imsemmi zwieg ma kienx validu skond dik il-ligi allura vigenti; ghalhekk il-validita` o meno taz-zwieg bejn il-kontendenti ghandha tigi analizata fid-dawl tad-dritt kanoniku u ta' l-interpretazzjoni li inghatat dwaru; biss jekk tali analizi twassal li z-zwieg kien null taht dawk id-disposizzjonijiet, illi tista' ssir referenza ghall-Artikoli l-ohra tal-Kap. 255;

Illi l-kontendenti ressqu bosta provi dwar ic-cirkostanzi tal-hajja mizzewga taghhom izda dawn ghat-talba *de quo* ghandhom biss importanza relattiva; veru li jistghu jwaddbu dawl dwar ic-cirkostanzi li kienu fihom il-kontendenti dak inhar taz-zwieg; pero` ma jistghux wahedhom jittiehdu bhala bazi ghal decizjoni relattiva;

Illi mill-atti processwali rrizulta li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali u kienet tghix hajja sregolata u spiccat biex kellha anki diversi ulied barra z-zwieg pero` wiehed irid jikkonsidra illi meta dahlet ghaz-zwieg kellha biss sittax-il sena u ghalhekk x'aktarx li f'dik id-data hija kienet differenti minn dak li zviluppat fiz-zmien ta' wara u din il-Qorti ghandha tezamina l-istat ta' l-attrici meta kellha sittax-il sena u dahlet ghaz-zwieg;

Illi minn naha taghha l-attrici insistiet hafna fuq in-nuqqasijiet tal-konvenut senjatament dwar ix-xorb u l-vjolenza li hija allegat fil-konfronti tieghu pero` anki hawn il-Qorti tifhem illi dawna kienu attegjamenti li setghu segwew minhabba diffikultajiet li nqalghu wara z-zwieg u senjatament wara illi twieldu sahansitra zewg ulied u ghalhekk inghad illi l-importanza ta' tali provi hija biss haga relattiva li tista' sservi biss biex twaddab dawl fuq il-posizzjoni tal-kontendenti dakinhar taz-zwieg;

Illi dwar il-perjodu antecidenti ghaz-zwieg, l-attrici tispjega kif il-konvenut kien "l-ewwel ragel li kellimit. Meta konna

nohorgu kelli nkun lura d-dar fit-tmienja ta' filghaxija u konna nohorgu ghal xi l-hamsa u nofs/is-sitta. Kont narah xi tliet darbiet fil-gimgha u konna mmorru hdejn il-bandli u gieli kienet tigi ohti maghna. Meta kont gharusa kien jixtrili hafna affarijiet u jirrispettani. Ma kellix x'ingerger fuqu." Hija zzid tghid ukoll illi f'dak iz-zmien omm il-konvenut kienet "tistmani qisni t-tifla taghha". Hija kompliet tghid "jiena domt ninnamra mieghu sentejn. Kien bniedem normali. Ftit granet qabel it-tieg ir-ragel tani daqqa ta' stallet f'idi u biex jiccajta";

Illi din is-sitwazzjoni ta' normalita` giet ukoll konfermata mill-istess konvenut meta huwa stqarr "konna ghadna gharajjes dejjem morna tajjeb flimkien. Konna nohorgu ta' sikwit flimkien. Kienet timxi tajjeb anki mal-genituri tieghi, li kienu jhobbuha, anki l-istess ghamlu huti." Irrizulta pero` illi kif diga` inghad, wara t-twelid tat-tieni tarbija beda l-inkwiet u dan il-konvenut jikkonfermah "sakemm twieldu l-ewwel zewgt itfal iz-zwieg kien sejjer tajjeb imma meta l-attrici kienet tqila bit-tielet tarbija hi bdiet tillarga u tmur sal-Belt.";

Illi ghalhekk din hija l-istampa li kienet tidher fil-wicc u l-attrici f'din il-kawza riedet tipprova illi s-sitwazzjoni ma kienetx hekk felici f'dak il-perjodu u ressqet diversi xhieda biex jikkonfermaw illi hija fil-fatt ma riditx tizzewweg lill-konvenut.

Illi l-attrici tikkontendi li fil-granet vicini ghaz-zwieg hija kienet iddecidiet li ma tizzewwigx lill-konvenut; ma jistax ma jigix innotat li l-attrici dak iz-zmien kellha biss sittax-il sena u tali decizjonijiet ma kienux daqstant sodi. Hija tikkontendi illi baqghet sejra pero` bil-preparattivi li wasslu ghaz-zwieg proprju ghaliex, kif qalet hi: "kien troppo tardi ghaliex kollox kien lest inkluz il-libsa tat-tieg". Hija stqarret ukoll: "ridt nitlaq lill-konvenut, ommi pero` kienet oggezzjonat minhabba il-girien u ghax kelli kollox lest. Tant kont deciza li ma nizzewigx lill-konvenut li jiena u nbiddel fil-gurnata taz-zwieg qsamt il-libsa tat-tieg stess". L-attrici tispjega kif hija kienet dejjem soggetta ghal volonta` ta' ommha li fix-xhieda taghha kkonfermat: "hi

riedet titilqu u jien kont ghidtilha li le minhabba n-nies. Hi kienet u ghadha sallum tobdi minni.";

Illi din is-sitwazzjoni giet ukoll konfermata minn oht l-attrici li kkonfermat li qabel ma harget ghat-tieg l-attrici qalet lil ommha li ma kienetx trid tizzewweg, u ziedet ukoll illi sa fejn kienet taf hi meta qalet dawk il-kliem l-attrici kienet qeghda tibki. L-omm ma accettatx li z-zwieg jieqaf u ghalhekk huwa spjegabbli illi l-attrici ma kellhiex kuragg tkompli bid-decizjoni taghha;

Illi ghalhekk waqt li l-ewwel zewg premessi tac-citazzjoni ma humiex applikabbli ghal kaz, it-tielet premessa cioe` dik li l-kunsens kien simulat jidher li giet sodisfacentement ippruvata mill-attrici u mic-cirkostanzi kollha li rrizultaw mill-process u din hija s-simulazzjoni kkontemplata fil-ligi kanonika li hija l-legislazzjoni applikabbli ghaz-zwieg bejn il-kontendenti;

Illi in kwantu ghat-talba ghall-ispejjez il-Qorti tifhem illi l-konvenut ma kien bl-ebda mod konxju minn dak li kien qieghed jghaddi minn mohh l-attrici u l-familjari taghha, u anqas gie ppruvat illi huwa kien ikkontribwixxa b'xi nuqqas ghall-imsemmija disposizzjoni mentali ta' l-attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Ottubru 1962 u dana a tenur ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

L-ispejjez jithallsu mill-attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur